# Mir-Rabat għall-Belt Valletta u lejn il-Gudja



Loreto J. Dalli

Id-devozzjoni lejn il-Madonna taċ-Ċintra f'Malta tmur lura għall-14-il seklu, jiġifieri 1383 fejn kien hawn l-ewwel kunvent Agostinjan f'Malta. Dan il-kunvent kien mibni quddiem il-Bieb tal-Belt tal-Imdina. Jeżistu bosta ideat differenti dwar meta fil-fatt inbena dan il-kunvent. Madanakollu li hu żgur hu li fl-1460 kien jeżisti kunvent tal-Agostinjani quddiem il-Bieb tal-Imdina.

Dan il-kunvent Agostinjan flimkien mal-knisja ta' quddiem il-Bieb tal-Imdina jissemmew f'dokumenti antiki fosthom dokument tan-Nutar Andrea Allegritto fl-1610. Jissemmew ukoll fl-atti tan-Nutar Giorgio Buttigieg tal-15 ta' Frar 1541 fejn jingħad li tħallew b'titlu ta' donazzjoni lill-kunvent.

Dan bl-ebda mod ma jfisser li l-kunvent li hemm bħallissa huwa l-istess wieħed tal-1460. Fis-seklu sittax, l-armata Torka u l-flotta Torka kienu tefgħu għajnejhom fuq il-Baħar Mediterran, inkluż ukoll il-Gżejjer Maltin. F'dawk iż-żminijiet f'pajjiżna kien hawn il-Kavallieri li kienu waslu Malta fl-1530. Bil-kemm għaddew 21 sena minn meta l-Kavallieri ta' San Ġwann waslu Malta li l-armata Torka ma bdietx taħbat għalihom.

Meta l-Maltin raw dan fehmu li ma kellhomx triq oħra ħlief li jinġabru fl-Imdina biex ikunu jistgħu jiddefendu ruħhom minn wara s-swar tal-Imdina. Il-Kunvent ta' Santu Wistin, iżda kien biss tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-Bieb tal-Imdina u l-Maltin beżgħu li dan jista' serva ta' bażi għat-Torok għall-attakk aħħari kontra l-Belt tal-Imdina. Kien għalhekk li l-poplu f'Lulju 1551 ħareġ mill-Imdina u b'għodda apposta qered għalkollox sew il-Kunvent u anke l-Knisja ta' Santu Wistin.

Dan ifisser il-qerda ta' ħafna oġġetti, inkluż deheb, fidda u anke l-librerija u l-arkivju tal-Kunvent u tal-Knisja. Fl-1551 il-Patrijiet Agostinjani ġew erbgħa b'kollox, spiċċaw bla dar u kellhom imorru jgħixu fil-Knisja ta' Santu Spirtu għal ħames snin sħaħ.

Il-Knisja ta' Santu Spirtu kienet l-unika għażla li kellhom l-Agostinjani hekk kif ikkonfermat mid-dokumenti li hemm ikkonservati fl-arkivji tar-Rabat u anke tal-Belt Valletta.

L-unika knisja benefiċċjali li kien fadlilhom l-Agostanjani fl-1551 f'Malta kienet dik ta' San Mark fir-Rabat u l-Knisja li kellhom f'Għawdex kienet żgħira wisq u maqtugħa għalkollox mill-Gżira ta' Malta.

Il-Knisja ta' San Mark kienet proprjetà tal-Katidral tal-Imdina. Dak iż-żmien Dun Bert Mangion ittrasferixxa l-knisja ta' San Mark lill-patrijiet b'titolu ta' donazzjoni perpetwa. Il-kundizzjoni li kellhom kienet li l-patrijiet Agostinjani jgħallmu żewġ kjeriċi tal-Ordni Agostinjana biex jaslu għal studju għoli fit-Teoloġija.

Il-kuntratt inqara lill-Patrijiet nhar it-8 ta' Settembru 1555, quddiem ix-xhieda Mastru Vinċenz Manduca, Mattew Vella u oħra. Ftit wara, fl-istess sena (1555) ħasbu għall-bini mill-ġdid tal-kunvent u tqiegħdet l-ewwel ġebla tat-tieni Kunvent Agostinjan li nbena fis-Saqqajja.

Fit-13 ta' Awwissu 1556 nbeda l-bini tal-Knisja l-Ġdida fuq disinn tal-arkitett Gudjan Glormu Cassar, li kien meqjuż bħala l-aqwa arkitett ta' dak iż-żmien. Il-patrijiet ħassew il-bżonn li jibdew jiġbru l-fondi meħtieġa. Għalhekk, fis-6 ta' Marzu 1556 kitbu lill-Università tal-Imdina biex jitħallsu għall-ħsara li n-nies kienu għamlu meta qerdulhom il-Kunvent tagħhom. Din l-ittra ġiet imwieġba fl-1 ta' Diċembru 1556 minn Beneditt Gaudrin. Ir-risposta kienet xotta għall-aħħar fejn il-patrijiet kienu infumati biex darb'oħra ma jirrokurrux għand l-Università jekk jinqala' xi ħaġa simili.

Minkejja dan, b'att tan-Nutar Bartolomeo Axisa tat-22 ta' Mejju 1558 l-Università tat lill-patrijiet is-somma ta' 500 skud.

Nimxu 63 sena 'l quddiem, fil-Belt Valletta. F'Awwissu 1621, l-Pirjol P. Antonin Attard ressaq talba lill-Isqof ta' Malta Monsinjur Tommasso Gargallo biex iwaqqaf il-Fratellanza tal-Madonna tal-Konsolazzjoni ta' Santu Wistin u Santa Monika fil-Belt Valletta. Malli ngħata l-approvazzjoni, il-patrijiet bdew jaħdmu biex iwaqqfu l-fratellanza bl-Istatuti tal-Arċikonfraternità mogħtija mill-Papiet, partikolarment l-Papa Girgor XIII li kien ta lill-Arċikonfraternità ta' Bologna ċertu privileġġi. Dawn il-privileġġi ngħataw ukoll lill-fratellenza tal-Belt Valletta.

Il-kunvent tal-Patrijiet Agostinjani fil-Belt tal-Imdina minn dejjem kien magħżula bħala wieħed mill-Kunventi li jista' jirċievi u jgħallem novizzi ġodda fih. F'Mejju tal-1639 kienet saret żjara mill-Ġeneral tal-Ordni P. Ippolito Monti li semma xi digrieti dwar it-twaqqif tal-Istudji li kien hemm fil-kunvent tal-Belt tal-Imdina.

Fl-1656 għall-Agostinjani fil-Belt Valletta kienet qamet kontroversja dwar il-preċedenza fil-purċissjonijiet bejn il-fratellanza taċ-Ċintura u dik tal-Karmnu. Il-kontroversja wasslet lill-membri taż-żewġ fratellanzi mhux biss quddiem il-Kurja Veskovili ta' Malta imma anke quddiem dik Metropolitana ta' Palermo.

Wara bosta laqgħat il-Fratelli tal-Madonna taċ-Ċintura kellhom igawdu l-preċedenza huma. Dik is-sentenza ntbagħtet lill-kurja Veskovili ta' Malta. Wara bosta taħdidiet bejn il-Fratellanzi ewlenin fil-Belt Valletta, intlaħaq ftehim. Fit-28 ta' Awwissu 1719

il-fratelli tal-Madonna taċ-Ċintura għamlu Konsulta Ġenerali fejn ġie aċċettat il-ftehim mal-fratelli l-oħra.

Fl-1719 beda kapitlu ieħor għall-komunità Agostinjana f'Malta u ħadu ħsieb li l-fratellanzi taċ-Ċintura jibdew jinfirxu f'bosta rħula tant li nies minn irħula barra l-Belt Valletta u l-Imdina bdew jaraw il-fratellanza taċ-Ċintura flimkien ma' fratellanzi oħra fl-Irħula tagħhom. Dawn bdew jinfirxu f'Ħal Luqa fl-1719 u fil-Mosta fl-1721. Flimkien ma' dawn kien hemm numru ta' parroċċi oħra li ħadmu l-Fratellanza taċ-Ċintura fir-raħal tagħhom, fosthom ukoll ir-raħal tal-Gudja fl-1727.

Kien fl-1692 li d-devoti nisa Gudjani ta' Santu Wistin għamlu rikors lill-Isqof ta' dak iż-żmien fejn urewh ix-xewqa li titwaqqaf fratellanza taċ-Ċintura fil-Gudja. Meta l-Vigarju Dean Fra Gio Batta Balsan, kien reġa' ra wara tant snin ix-xewqa tan-nies tal-Gudja huwa approva t-talba tagħhom li saret fil-5 ta' Awwissu 1727 f'isem Giovanni Abdilla.

Minn hawnhekk 'il quddiem id-devozzjoni lejn il-Madonna taċ-Ċintura fil-Gudja ma naqset qatt u kompliet tinfirex f'aktar parroċċi fosthom f'Ħal Qormi bejn l-1735 u l-1747, fil-Qrendi fl-1736, f'Ħaż-Żabbar fl-1737, f'Ħal Tarxien fl-1778, fl-Għarb Għawdex fl-1802, u l-aħħar fil-parroċċi ta' Ħaż-Żebbuġ u dik taż-Żejtun fl-1911.

Fir-Rabat il-patrijiet Agostinjani raw il-ħtieġa li jsir xi tibdil fil-kunvent tagħhom. Il-Maġġur Ġużepp Debono fil-15 ta' Mejju 1739 ressaq pjan għal dan il-għan fuq pjanta tal-Perit Andrea Belli. Il-pjanta tiegħu ġiet ikkonfermata fit-12 ta' Lulju 1740, u t-tqegħid tal-ewwel ġebla sar fil-5 ta' Ottubru 1740 quddiem numru kbir ta' nies u persuni distinti li kienu mistiedna. Imma l-bini tal-kunvent il-ġdid beda b'bosta diffikultajiet.

Fl-10 ta' Ġunju 1798 fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi, il-patrijiet Agostinjani u fl-Imdina b'kull ma kellhom fihom. Fil-Belt Valletta l-istess ġara lill-Fratelli taċ-Ċintura li marru għand il-Ġiżwiti. Wara li ntemmet il-ħakma Franċiża f'Malta, il-fratelli ħadu lura l-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura fil-knisja ta' Santu Wistin.

Bejn l-1854 u l-1930 fil-Kunvent tal-Imdina (tar-Rabat) sar tibdil astetiku fil-Knisja bħal fil-Kor u fid-dehra ġenerali tal-Knisja. Ħafna mix-xogħol tal-injam sar mill-Imgħallem Ġużeppi Galea. Fl-1896 tlestiet il-prospettiva kollha meta P. Ġorġ Attard minn Ħal Qormi ħallas biex isir l-artal tal-irħam taħt l-istatwa ta' Santu Wistin li hemm fil-Kor. Fid-9 ta' Ottubru tal-istess sena dan l-artal ġie ikkonsagrat. L-artal reġa' kien ikkonsagrat għat-tieni darba fis-26 ta' Ġunju 1906 mill-Isqof Giovanni M. Camilleri OSA.

Fi żmien it-tieni gwerra dinjija l-Kunvent serva bħala skola, u kien anke refuġju għan-nies tant li ospita madwar 300 refuġjat raġel. Diżgrazzja kbira seħħet fit-12 ta' Ġunju 1942 meta bomba qawwija laqtet u kissret għalkollox dar li kien hemm quddiem ir-refertorju tal-Kunvent fi Triq il-Kbira. Dak il-ħin kien hemm Fra Norbert Vella mill-Qrendi li kien ma jinflaħx u baqa' fiċ-ċella tiegħu minflok niżel għall-kenn. Fdallijiet mit-tieqa mkissra laqtuh u ħallewh għal mejjet.

Wara li tajna ħarsa lejn l-istorja tal-Agostinjani fil-Belt Valletta u l-Imdina (Rabat), tajjeb li nħarsu lejn dak li seħħ fil-Gudja u kif il-fratellanza taċ-Ċintura baqgħet ħajja sal-ġurnata tal-lum.

Wara li għaddew 24 sena minn meta twaqqfet il-fratellanza taċ-Ċintura fil-Gudja jiġifieri fl-1754 sar l-inkwatru taċ-Ċintura xogħol l-artist Żebbuġi Gian Nikola Buhagiar. L-Ispejjeż għal dan l-inkwatru tħallsu mill-fratellanza taċ-Ċintura stess. Dan ix-xogħol ġie restawrat riċentament.

Il-Fratellanza taċ-Ċintura fil-Gudja għandha l-armar tal-festa tal-Knisja kollu tagħha. L-istatwa tal-Fratellanza taċ-Ċintura fil-Gudja hija waħda minn tliet statwi artistiċi li jeżistu fil-Knisja tal-Gudja. L-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura għandha waħda mill-isbaħ uċuħ statweski fil-gżejjer Maltin. Din l-istatwa nħadmet minn ditta f'Marsilja, Franza mill-Kumpanija, Gallard et Fils bejn l-1862 u l-1868 u waslet fil-parroċċa tal-Gudja fuq karettun tax-xogħol. Din il-kumpanija Franċiża ħadmet diversi xogħlijiet oħra f'Malta fosthom l-istatwa ta' San Ġużepp fil-Mosta, l-istatwa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem u dik taż-Żebbuġ Għawdex u bosta statwi oħra. Bejn l-istatwi li hemm f'Għawdex u l-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Gudja hemm xebħ kbir. L-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Gudja kif tidher illum baqgħet fidila ħafna għall-istatwa oriġinali li kienet saret l-ewwel darba.

Ġawhra oħra li turi r-rikkezza tal-fratellanza taċ-Ċintura huwa l-istandard b'kulur kaħlani sabiħ u b'girlanda tad-deheb mad-dawra tiegħu kollha. Dan l-istandard fih raġġiera fin-nofs u fil-qalba tar-raġġiera hemm l-ittri M.A. tal-Madonna biċ-Ċintura magħha. Dan l-istandard huwa magħruf għax-xogħol ta' arti kbira li fih tant li huwa meqjusa bħala wieħed mill-isbaħ standardi f'Malta.

Fil-21 ta' Ottubru 1946, il-Konfraternità taċ-Ċintura tal-Gudja għażlet lil Lorenzo Scicluna, Gian Mangion u Stefano Zammit biex jieħdu ħsieb jiġbru l-flus biex isir Standard Artistiku ġdid f'Milan għall-Fratellanza taċ-Ċintura. Dan ix-xogħol kien se jiġi jiswa Lm 280 jew €652.44 tal-lum. Ix-xogħol kellu jasal f'pajjiżna f'Lulju 1950. Imma fir-realtà ġara li sar-8 ta' Awwissu 1950, dan l-istandard baqa' ma wasalx.

L-inkwiet u l-pressjoni bdiet tinħass sew għax ġimgħa wara jiġifieri fil-15 ta' Awwissu ta' dik is-sena kellha ssir id-domma tal-Assunta. Għalhekk intbagħat telegramm Milan fejn ingħata ultimatum biex tajjeb jew ħażin l-Istandard jintbagħat sal-15 ta' Awwissu. Kien fl-14 ta' Awwissu 1950 għall-ħabta tan-11.45 am li l-istandard wasal fil-parroċċa tal-Gudja.

Fil-Festa ta' Santa Marija fl-1950 l-Istandard il-ġdid intrefa' minn 7 fratelli differenti tal-fratellanza taċ-Ċintura (fosthom minn missieri) li ħadu sehem fil-purċissjoni.

L-Ispiża totali tal-istandard u t-trasport telgħet għal Lm339. Din kienet somma konsiderevoli għal dak iż-żmien meta tqis li l-paga ta' ħaddiem kienet ta' Lm 3.7c fil-ġimgħa. Dan l-istandard taċ-Ċintura fl-2010 jagħlaq 60 sena fostna.

**Referenzi**

L-istorja tal-Knisja ta' Santu Wistin, il-Belt Valletta, P. Mark Cauchi OSA.

Ġrajjiet Agostinjani f'Malta, P. Ġulju Bonnici OSA.

Ħajr lil P. Luċjan Borg OSA (Valletta), Fr Josef Sciberra OSA (San Mark, Rabat).